

# Il-Viżta Pastorali tal-Isqof Davide Cocco Palmieri fl-1686

**Jonathan Muscat**

Meta fl-1517 Martin Luteru kkritika t-tmexxija u t-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rumana, ftit nies kienu jobsru li dan kien ser iwassal għall-bidu tar-reliġjon Protestanta u għal bidla fi ħdan il-Knisja Kattolika. Kien għalhekk li tlaqqa' l-Konċilju ta' Trentu fl-Itgalja bejn l-1545 u l-1563 sabiex issir riforma fit-tmexxija u t-tagħlim tal-Knisja Kattolika. Sabiex dawn ir-riformi jkollhom effett, l-isqfijiet kellhom iżuru l-knejjes u l-kappelli fid-djoċesi tagħhom b'mod aktar regolari. Maż-żmien, il-viżti bdew isiru b'aktar attenzjoni, bdiet tingħata iktar importanza lill-ħajja spiritwali tal-kleru u tal-fidili u b'hekk ir-riformi mħabbra fil-Konċilju bdew iħallu l-effett mixtieq.[1]

Fil-knisja tal-Madonna tal-Mellieħa, magħruf illum bħala s-Santwarju, saru numru ta' viżti Pastorali fi żmien il-Kavallieri. L-Isqof Davide Cocco Palmieri kien għamel viżta simili fl-1686 u fl-20 ta' Novembru tal-istess sena ħareġ seba' digrieti jew ordnijiet sabiex jitjieb is-servizz fil-knisja tal-Mellieħa. Kopja ta' dawn id-digrieti twaħħlet fis-sagristija ħalli ħadd ma jipprova jgħid li ma kienx jaf bihom.

Fost oħrajn ġie ordnat li kellha ssir grada tal-ħadid u ħġieġa quddiem ix-xbieha tal-Beata Verġni Marija sabiex jiġu mħarsa l-għotjiet u r-rigali, bħal ġiżirajjen tad-deheb u ħaġar prezzjuż li kien hemm ma' u ħdejn il-pittura. Dawn l-oġġetti kienu jingħataw minn nies devoti jew li jkunu qalgħu xi grazzja. Barra dawn id-donazzjonijiet kien hemm ukoll benefatturi li kienu jgħinu lis-Santwarju u l-Isqof Palmieri ħass li, apparti l-quddies li kien jitqaddes fil-Ħdud u fil-festi ta' Preċett, kellu jsir ukoll quddies għall-bżonnijiet ta' dawn il-benefatturi.

Fuq ordnijiet tal-Isqof, kellu jinżamm reġistru fejn jinkiteb id-dħul li jsir mill-quddies, waqt li f'reġistru ieħor jinkitbu l-qassisin li jkunu ċċelebraw il-quddies. Dan id-dħul setà jkun taħt forma ta' flus, xemgħa u oġġetti oħra u setà jintlaqa' biss mir-rettur jew mill-prokuraturi tas-Santwarju. Dawn tal-aħħar però qajla kienu jkunu l-Mellieħa, peress li kienu joqogħdu f'post ieħor u kien għalhekk li ħafna drabi r-rettur kien jieħu ħsieb kollox hu. L-oġġetti mogħtija lis-Santwarju la setgħu jinbigħu u l-anqas jinbidlu mingħajr il-permess tal-Isqof, bir-riskju li dak li jkun jiġi skumnikat jekk ikun sekulari u sospiż jekk ikun saċerdot. Skont il-viżta ta' wara, li saret fl-1693, l-unika ħaġa li kienet tinbigħ kienet ix-xemgħa żejda u dan kien isir mill-prokuraturi wara li jkunu ġabu permess mingħand l-Isqof.[2]

Fil-viżta tiegħu, l-Isqof Palmieri ried li tingħata attenzjoni kbira fil-ġbir tal-flus u donazzjonijiet, tant li l-kaxxa fejn kienu jinżammu l-flus kellu jkollha tlett imfietaħ.[3] Fil-knisja kien hemm ukoll kaxxa fissa fejn dak li jkun setà jitfa' flus u xi offerti għall-bżonnijiet tal-Knisja. Din il-kaxxa kienet tinfetaħ biss fil-festa tal-Vitorja u waqt il-ftuħ kien ikun hemm preżenti r-rettur tas-Santwarju, il-*Fiscale Generale* tal-Qorti tal-Isqof, il-prokuraturi u oħrajn. Il-flus ta' din il-kaxxa kienu jingħaddu quddiem kulħadd u l-ammont kien jinkiteb fi ktieb li jinżamm fl-istess kaxxa. Allura, waqt li fl-1693 instab 59 skud, is-sena ta' qabel kien hemm 32 skud.[4] Kien hemm imbagħad kaxxa oħra iżgħar li kienet tintuża għall-ġbir tal-offerti waqt il-quddies u li kienet tinfetaħ bl-istess kundizzjonijiet tal-kaxxa l-kbira. Id-dħul minn din kien ikun ta' madwar 6 skudi fis-sena. Nhar il-Vitorja biss il-prokuraturi kienu jżommu reċipjent ħdejn il-bieb tal-Knisja għad-donazzjonijiet li minnhom kienu jitħallsu l-qassisin li jikkonċelebraw il-quddiesa tal-festa.

Fil-viżta pastorali jissemmew oġġetti sagri li kienu jintużaw ta' kuljum fis-Santwarju u li dawn kellhom jinżammu fis-sagristija, filwaqt li l-oġġetti l-iżjed prezzjużi kellhom jinżammu f'post ieħor maqful b'żewġt imfietaħ, wieħed miżmum mir-rettur u l-ieħor mill-prokuratur. Kull sentejn kien isir inventarju ta' dawn l-oġġetti, propjetà tas-Santwarju, fil-preżenza tan-nutar, u kopja tal-inventarju kienet tintbagħat il-Kurja Arċiveskovili. Dan kollu taħt piena ta' skomunika.

Digriet ieħor tal-Isqof Palmieri ordna lis-sagristan sabiex iżomm il-Knisja nadifa, filwaqt li kellu joqgħod attent lil min iħalli jidħol fil-kmamar ta' fuq u ħdejn is-Santwarju taħt piena li jitneħħa mill-kariga u jiġi kkastigat. Dawn il-kmamar kienu





jservu kemm bħala post fejn jintrefa' armar u oġġetti wżati fil-Knisja, kif ukoll bħala post ta' mistrieħ għar-rettur u għall-pellegrini. F'viżti pastorali oħra ta' qabel din tal-isqof Palmieri, ir-rettur kien ġieli ġie mwissi sabiex ma jorqodx fil-kmamar li jinsabu fuq is-Santwarju, sabiex tinżamm id-devozzjoni tal-post. Jidher, però, li dan ma ġiex obdut, għax fl-1693 ir-rettur kien jużahom sabiex jistrieħ fihom. Kien hemm ukoll kamra li tintuża bħala kċina, post għal forn qrib il-loġġa u żewġ stalel għaż-żwiemel. Sabiex wieħed jagħmel użu minn dawn il-kmamar kien jinħtieġlu jġib permess mingħand il-prokuratur.

Miż-żjara tal-Isqof Palmieri naraw ukoll li qabel il-quddies kienet tindaqq qanpiena sabiex in-nies tal-inħawi jinġabru. Waqt il-quddiesa tal-Ħadd, ir-rettur kien imbagħad jgħallem il-prinċipji tal-fidi b'mod li jiftiehem. B'dan il-mod kellha titkattar id-devozzjoni u l-fidi tan-nies. L-Isqof ordna wkoll li l-qassisin li kellhom il-fakulta' li jqarru fid-djoċesi setgħu jagħmlu dan fis-Santwarju tal-Mellieħa wkoll, sabiex ikunu ta' servizz għall-pellegrini li jżuru dan il-post.

Minn dawn id-digrieti jidher ċar li l-viżta tal-Isqof Cocco Palmieri ma kinitx waħda li tikkonċentra biss fuq il-bini u ż-żamma ta' reġistri f'dak li għandu x'jaqsam ma' dħul ta' flus, iżda li tagħti importanza lil dak li hu spiritwali u ta' devozzjoni. Mid-digrieti li ħareġ l-Isqof fl-1686 naraw li, minkejja li l-inħawi tal-Mellieħa kienu limitati fin-numru ta' abitanti u maqtugħin minn irħula oħra, is-Santwarju kien jiġbed mijiet ta' devoti minn kull rokna ta' Malta.



Fil-viżta pastorali ta' wara, fl-1693, inqalgħet kwistjoni dwar jekk l-ispejjeż tal-viżti tal-isqof kinux jitħallsu mir-rettur jew mill-prokuraturi tal-Knisja. L-ispejjeż kienu jinkludu trasport, akkomodazzjoni u bżonnijiet oħra. Kien għalhekk li bdew jinġabru xhieda dwar dan. Fosthom kien hemm dik ta' Dun Domenico Xerri mill-Mosta, viċi-rettur tas-Santwarju. Hu xehed li r-rettur Dun Gio. Maria Galea, li serva għal 30 sena bħala rettur, kien iħallas minn butu għall-ispejjeż ta' kull viżta, bl-aħħar waħda tkun dik tal-Isqof Palmieri. Oħt ir-rettur ukoll tat l-istess xhieda u semmiet kif ħuha, li kien miet madwar l-1688, kien jixtri dak kollu meħtieġ għall-viżti minn butu bla ma qatt irċieva ebda għajnuna mingħand il-prokuraturi. Xehdet ukoll il-mara tan-neputi tar-rettur li kienet tieħu ħsieb lir-rettur fid-dar tiegħu fil-Mosta. Din kienet tagħġen il-ħobż meta kien ikun hemm xi viżta u qalet li kienet tara lir-rettur jillesti l-ikel bħal tiġieg, u hu stess kien jgħidilha li kien iħallas kollox hu. Insibu wkoll ix-xhieda tas-sagristan, li qal li dan kien isir anke mir-retturi ta' qabel.[5]

Nistgħu għalhekk forsi nifhmu li, għar-rettur, il-ġranet tal-viżta pastorali kienu jkunu ġranet ta' taħbit aktar mis-soltu u, apparti l-ansjetà li r-rettur setà jkollu dwar jekk kienx qiegħed imexxi l-knisja sewwa, kien jispiċċa jħallas l-ispejjeż kollha minn butu.

---

1 K.M. Comerford & Hilmar M. Pabel (eds.) *Early Modern Catholicism: Essays in Honour of John W. O'Malley, S.J.* (2001) p.78.

2 APM 13. ff.66-67.

3 Ibid. f. 85. Skont il-viżta pastorali tal-1678 wieħed mill-imfietaħ kellu jinżamm għand l-isqof. Dawn it-tipi ta' kaxxi kienu jintużaw ukoll f'istituzzjonijiet tal-Ordni bħal militar u fuq xwieni tas-sibi. Fil-Mużew Marittimu fil-Birgu hemm kaxxa simili tal-ħadid bi tliet serraturi. L-imfietaħ kienu jinżammu għand nies differenti ħalli l-kaxxa tinfetaħ biss meta jkunu preżenti kollha.

4 F'Jannar tal-1693 Malta kienet ġarrbet ħsarat mit-terremot li seħħ fi Sqallija u dan setà wassal lin-nies sabiex jagħtu aktar donazzjonijiet. Is-soċjetà ta' dak iż-żmien kellha l-mentalità u biża' li Alla kien juri r-rabja tiegħu għad-dnub billi jippermetti diżastri naturali.

5 APM 13 ff.58-61.